KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 10

L-għaxar seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjal Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:08pm:***

10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 8 u 9;

10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

10.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;

10.6 Approvazzjoni ta Unaudited Financial Statements 2024

10.7 Approvazzjoni ta Quarterly Report 4 2024

10.8 Approvazzjoni tal-iskema tal-fondi għal proġett tat-titjib ta' Triq Bisazza (SPI/SCI/06/2022)

10.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

10.10 Mozzjonijiet;

10.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 10.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**10.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier D Muscat

10.1.2 *Il-kunsillier E Borg ippropona minuta silenzju għal memorja tas-Sur Tony Terribile li miet aktar kmieni llum.*

## 10.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 8 U 9

**10.2.1** Is-Seg. Eżek. qara' xi korrezzjonijiet li rċieva mingħand il-kunsilliera J Higgans u l-Viċi Sindku u l-kunsillier R Borg.

**10.2.2** Is-Seg. Eżek. talab għal korrezzjoni fil-minuti għal punt 8.3.9 fejn qal li l-vot li ttieħed dakinhar ma jistgħax jiġi kunsidrat validu għaliex il-kunsillier

J Dougall kien qiegħed jipparteċipa fil-laqgħa b'mod *remotely,* u kif spjega s-seg. eżek. skont istruzzjonijiet ċari li ngħataw mid-DGL, attendenza għal laqgħat tal-KL ma jistgħux aktar isiru b'mod *online.*

Għaldaqstant Is-Seg. Eżek. kompla billi qara' l-korrispondenza kollha li rċieva mingħand il-komunità Lhudija u spjega kif il-kunsillieri preżenti kellhom jerġgħu jieħdu vot.

- Is-Sindku qal li t-talba tal-komunità Lhudija tista' tkun qrib il-miljun ewro li fondi tad-DPF allokati għal KL.
- Is-Sindku kompla jgħid li ser ikollu laqgħa ma min hu inkarigat tal-fondi tad-DPF sabiex issir kjarifika tal-proġetti kollha li għadhom pendenti.
- Is-Sindku sostna li proġett kbir bħal dan għandu jiġi mejjun minn fondi tal-Gvern Ċentrali.
- Il-kunsillier R Borg, qal li waqt li jifhem il-punt tas-Sindku, hu qal li b'dak li jista' jivvota għalih il-Kunsill, jista' jkun li jinħoloq preċedent, billi jekk hemm NGOs oħra Slimiżi li jitolbu għal (eżempju 800,000 ewro) il-kunsill allura ma jkunx jista' jagħti approvazzjoni għalihom.
- Is-Sindku wieġeb billi qal li t-talbiet kollha għal fondi tad-DPF fejn jidħol il-kunsill, jittieħdu bħala *case by case basis*

**10.2.3** Is-Sindku ressaq din id-domanda segwenti għal-vot tal-kunsillieri preżenti:

Il-kunsill jaqbel li l-komunita' Lhudija għandha titlob il-fondi għal proġett tal-bini ta' Sinagoga fi Triq Manwel Dimech lil Gvern Ċentrali biex b'hekk ma jintmissu l-fondi tad-DPF allokati lil NGOs Slimiżi?

Kunsillieri li vvutaw IVA:
*Sindku, Viċi Sindku, E Borg, V Galea Pace, Z Zammit, J Higgans, K Wain, D Soler, J Aquilina, J Dougall, W Baldacchino.*

Kunsillieri li vvutaw Le:
*R Borg*.

**10.2.4** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 8 u 9 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti. *Approvazzjoni Minuti*

Il-Viċi Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier Z Zammit.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

*Is-Sindku talab sabiex il-kunsill jiddiskuti punti 10.6 u 10.7 peress li kien ser isir preżentazzjoni mill-accountants li kienu preżenti għal laqgħa*

## 10.6 APPROVAZZJONI TAL-*UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2024*

**10.6.1** Saret preżentazzjoni dettaljata mill-accountants tal-kunsill

**10.6.2** Is-Sindku qal li l-kunsill kien rebaħ l-appell kontra Polidano Group li kien sar fl-2024, fuq kas li jmur lura numru sa l-2018 u l-kunsill ingħata s-somma ta' 19,941 Ewro li minnhom (6,724 ewro huma interessi).

**10.6.3** Is-Sindku ressaq *unaudited financial statements 2024* għall-approvazzjoni tal-kunsill.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

## 10.7 APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT 4 tal-2024*

**10.7.1** Saret preżentazzjoni dettaljata mill-accountants tal-kunsill

**10.7.2** Is-Sindku ressaq *quarterly report 2024* għall-approvazzjoni tal-kunsill.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

## 10.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

### 10.3.1 Xogħol ta' l-Enemalta li qed isir mill-Infrastructure Malta:

- Is-Sindku qal hu u s-Seg. Eżek kellhom laqgħa ma' l-IM fejn ġie spjegat lilhom ix-xogħol li ser isir kif ukoll ġie diskuss il-pjan ta' l-immaniġġjar tat-traffiku fit-toroq li ser isiru xogħolijiet fihom. Dan ix-xogħol huwa biex jitqiegħed il-cable ġdid ta' l-elettriku.
- Kompla jgħid li fl-istess laqgħa talab sabiex isir *re-surfacing* ta' partijiet minn Triq Sir Adrian Dingli. Dan x'ser isir fil-ġimgħat li ġejjien.
- Is-Seg. Eżek spjega kif kien ser ikun l-immaniġġjar tat-traffiku għal Triq A. Dingli.
- Is-Sindku qal li t-triq tax-Xatt bejn Manwel Island u Triq San Vinċenz ser isir asfaltar lejn l-aħħar ta' Marzu.
- Il-kunsillier Z Zammit issuġġerixxa sabiex il-kunsill isib postijiet ta' parkeġġ alternattiv għar-residenti.

### 10.3.2 Embellishment ta' Triq Zimmerman Barbaro:

- Is-Sindku spjega li kellu laqgħa ma żviluppatur li għamel ħafna xogħol f'dik it-triq u qal li ridt jagħmel tisbiħ totali tat-triq. Is-Sindku ppreżenta l-pjanijiet għal din it-triq. Is-Sindku qal li l-tisbiħ propost mill-kuntrattur ser jara li x-xogħolijiet kollha ser isiru għal spejjeż tal-kuntrattur.
- Il-kunsillier J Dougall saqsa jekk il-vot huwa sabiex il-kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal proġett propost.
- Is-Sindku spjega li l-approvazzjoni ser issir sabiex il-kunsill ikun jista' japplika għal permess tal-PA. Is-Sindku qal li ser jistieden il-perit tal-proġett biex jispjega aktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.
- Il-kunsilliera J Higgans qalet li m'hiex komda tivvota fuq pjanti u ritratti li qed tara għall-ewwel darba fil-laqgħa.
- Il-kunsillier J Aquilina qal li l-aħjar li l-kuntrattur l-ewwel għandu jmur għand ir-residenti tat-triq ikkonċernata biex jikseb l-approvazzjoni tagħhom, imbagħad il-kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar biex jieħu deċiżjoni dwar il-permess.

### 10.3.3 Proġett ta' Ġnien Bonello Du Puis:

- Is-Sindku qal li x-xogħol għaddej skont il-pjan ta' ħidma
- Kompla is-Sindku billi spjega li qed isir xogħol bi spiża ta' 33,000 ewro biex isir tisbiħ tas-sitt belvedere li hemm bi swiet il-Ġnien.

### 10.3.4 Ticket Booths:

- Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li l-kunsill jagħmel pressjoni pubblikament dwar dak li ġie imwiegħed lil kunsill, li kienet ser tissolva l-problema tat-ticket booths u s'issa ma sar xejn.
- Is-Seg. Eżek spjega li kemm ilu segretarju hu kien hemm iktar minn ħames laqgħat ma l-istakeholders kollha sabiex insibu soluzzjoni dwar it-tneħħija tat-ticket booths minn fuq il-promenade.
- Il-kunsillier R Borg issuġġerixxa li l-kunsill jagħmel iktar pressjoni ma l-awtoritajiet konċernati.
- Is-Sindku spjega li pressjoni ilha ssir minn Ġunju 2024 ma l-awtoritajiet kollha nkluż il-Ministru tat-Turiżmu u dak ta' l-Artijiet.

- Is-Sindku staqsa lil kunsillieri preżenti jekk jaqblux li ssir konferenza ta' l-aħbarijiet jekk il-kunsill ma jirċevix risposta dwar jekk it-ticket booths ser jitneħħew.

**Il-kunsillieri preżenti, imbarra, l-kunsillieri W Baldacchino u R Borg qablu mal-proposta tas-Sindku.**

## 10.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**10.4.1** Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-fond għall-iskema t'attivitajiet għal NGOs Slimiżi ta' 50,000 ewro li jiskadi f'Mejju, ser jiġġedded jew le għal din is-sena.

- Is-Seg. Eżek qal li trid isir diskussjoni dwar dan fil-laqgħa li jmiss tal-kumitat tal-finanzi.

**10.4.2** Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-kunsill jistgħax jinforza l-liġi li tgħid li min jikri skip għall-użu personali, jara li dan ikun mgħotti bil-lejl, għaliex qed isir abbuż minn ċertu nies li jaqbdu u jarmu materjal fl-iskips ta' ħaddieħor.

**10.4.3** Il-kunsillier Z Zammit staqsa meta ha jsir ix-xogħol taz-*zebra crossing* quddiem Villa Schinas.

- Is-Sindku wieġeb, u qal li l-permessi huma f'idejn il-kunsill, iżda għadna qed nistennew biex insibu kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħol, peress li l-kuntrattur tagħna huwa impenjat ħafna bix-xogħolijiet oħra ta' toroq fil-lokalita'.

**10.4.4** Il-kunsillier Z Zammit staqsa jekk il-kunsill kien irċieva risposta mit-TM rigward il-parkeġġ għar-residenti.

- Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa li kellu mat-TM, l-awtorita' qalet li ser tkun qed tvarja strateġija nazzjonali ta' parkeġġ għar-residenti
- Il-Viċi Sindku qal li l-kunsill irid jiftiehem sabiex jara liema strateġija ser jaddotta biex jagħmel pressjoni fuq il-Gvern biex ir-residenti jieħdu dak li ħaqqhom u li ilhom jistennew.

**10.4.5** Il-kunsillier Z Zammit staqsa jekk il-kunsill jista' jibgħat lill-awtoritajiet ta' l-infurzar sabiex jaraw li l-istabbilimenti tad-divertiment madwar il-lokalita' jkunu konformi mal-liġijiet tal-pajjiż.

*Il-kunsillier Z Zammit telgħaq mill-laqgħa fit-8:20pm*

**10.4.6** Is-Seg. Eżek spjega li l-istitut tas-servizz pubbliku ħejja numru ta' korsijiet għal ħaddiema tal-kunsill, kif ukoll għal kunsillieri sabiex ikun

imħarrġa fl-użu tas-sistema tat-tenders, l-EPPS. Is-segretarju ħeġġeġ il-kunsillieri preżenti sabiex japplikaw għal dan il-kors speċjalizzat.

## 10.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

**10.5.1** Is-Seg. Eżek staqsa lil kunsillieri preżenti min kien interessat ikun evalwatur fuq it-tender tad-dawl tal-Milied:

- Il-Viċi Sindku, l-kunsilliera J Higgans, l-kunsillier W Baldacchino ser ikunu l-evalwaturi għal dan it-tender.

## 10.8 APPROVAZZJONI TAL-ISKEMA TAL-FONDI GĦAL PROĠETT TAT-TITJIB TA' TRIQ BISAZZA (SPI/SCI/06/2022)

10.8.1 Is-Sindku spjega li permezz ta' din l-iskema l-kunsill kien ser jibbenifika minn ammont totali ta' E65,000 fejn il-kunsill kien ser ikopri sa 15% tal-ispiża totali għal dan il-proġett. Is-Sindku ressaq l-iskema tal-fondi għal proġett tat-titjib ta' Triq Bisazza għall-approvazzjoni tal-Kunsill

Il-kunsilliera preżenti approvaw dak li ġie mressaq mis-Sindku b'mod Unanimu.

## 10.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

10.9.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti hekk kif emendati u l-kunsillier D Soler issekondah.

## 10.10 MOZZJONIJIET

10.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 10.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

10.11.1 Is-seduta ntemmet fid-8:45pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum : 26 ta’ Marzu 2025

**John Pillow**

**Sindku**

**Pierre P Portelli**

**Segretarju Eżekuttiv**